# KONKLUŻJONIJIET TA' L-AVUKAT ĠENERALI SHARPSTON

## ippreżentati fil-5 ta' Diċembru 2006 [1]

1. F'dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, il-Ħames Diviżjoni Kriminali tal-Bundesgerichtshof (Qorti Federali tal-Ġustizzja) qed titlob kjarifika ta' xi jfissru 'l-istess azzjonijiet' u l-kunċett ta' 'infurzar' ta' piena kriminali fl-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni li timplementa l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 [2] (aktar 'il quddiem "il-KIFS"). Il-qorti nazzjonali tixtieq tkun taf ukoll jekk id-definizzjoni ta' infurzar tiġix affettwata bl-implementazzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri [3] (aktar 'il quddiem "id-Deċiżjoni Kawdru").

## Dispożizzjonijiet rilevanti

### Il-KIFS

2. Skond l-Artikolu 1 tal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea [4] (iktar 'il quddiem il-"Protokoll"), tlettax-il Stat Membru, fosthom l-Italja u l-Ġermanja, huma awtorizzati li jistabbilixxu kooperazzjoni aktar mill-qrib bejniethom fl-ambitu ta' dak li jissejjaħ l-'*acquis* ta' Schengen'.

3. L-anness għall-Protokoll jiddefinixxi '*l-aqcuis* ta' Schengen' bħala li jinkludi l-Ftehim bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża dwar l-abolizzjoni gradwali tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni tagħhom, iffirmat f'Schengen fl-14 ta' Ġunju 1985 [5] (aktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Schengen") u, b'mod partikolari, il-KIFS.

4. Il-Protokoll jipprovdi li, mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam,

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.
2 — ĠU 2000, L 239, p. 19.
3 — ĠU 2002, L 190, p. 1.
4 — Anness mit-Trattat ta' Amsterdam mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ('TUE') u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.
5 — ĠU 2000, L 239, p. 13.

jiġifieri mill-1 ta' Mejju 1999 l-*acquis* ta' Schengen għandu japplika immedjatament għat-tlettax-il Stat Membru msemmija fl-Artikolu 1 tal-Protokoll [6].

5. L-Artikoli 54 sa 58 tal-KIFS flimkien jiffurmaw il-Kapitolu 3, (li huwa intitolat "Applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*") tat-Titolu III, li jittratta l-"Pulizija u Sigurtà".

6. L-Artikolu 54 tal-KIFS jipprovdi li "[p] ersuna li l-każ tagħha jkun inqata' b'mod finali f'Parti Kontraenti waħda ma tistax tiġi mixlija f'Parti Kontraenti oħra għall-istess azzjonijiet sakemm, jekk tkun ġiet imposta penali, din tkun ġiet infurzata, tkun fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata jew ma tkunx tista' tiġi infurzata iżjed taħt il-liġijiet tal-Parti Kontraenti fejn tkun ingħatat is-sentenza".

7. L-Artikolu 55 jagħti d-dritt lil Parti Kontraenti li "meta tirratifika, taċċetta jew tapprova din il-Konvenzjoni, tiddikjara li hija m'hijiex marbuta bl-Artikolu 54" meta l-azzjonijiet li għandha x'taqsam magħhom is-sentenza barranija seħħew kompletament jew parzjalment fit-territorju tagħha stess, jikkostitwixxu reat kontra s-sigurtà nazzjonali jew kontra interessi oħra ugwalment essenzjali ta' dik il-Parti Kontraenti u/jew twettqu minn uffiċjali ta' dik il-Parti Kontraenti fi ksur tad-dmirijiet tal-kariga tagħhom.

8. L-Artikolu 56 jipprovdi li "[j]ekk tinġieb prosekuzzjoni oħra f'Parti Kontraenti kontra persuna li l-kawża tagħha, fir-rigward ta' l-istess azzjonijiet, tkun inqatgħat finalment f'Parti Kontraenti oħra, kull perijodu ta' detenzjoni fil-Parti Kontraenti ta' l-aħħar li jirriżulta minn dawk l-azzjonijiet għandu jitnaqqas minn kull penali imposta. Safejn dan ikun possibbli taħt il-liġi nazzjonali, penalitajiet li ma jinvolvux teħid ta' libertà għandhom jitqiesu wkoll".

*Id-Deċiżjoni Qafas*

9. Id-Deċiżjoni Qafas ġiet adottata skond it-Titolu VI tat-Trattat UE, 'Dispożizzjonijiet dwar Kooperazzjoni fl-oqsma tal-Pulizija u tal-Ġustizzja f'Materji Kriminali,' u partikolarment fuq il-bażi ta' l-Artikoli 31(a) u (b) u 34(2)(b) tiegħu.

10. Din id-deċiżjoni, kif jingħad fis-sitt premessa tal-preambolu tagħha, hija "l-ewwel miżura konkreta fil-qasam tal-liġi kriminali li timplementa l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku li l-Kunsill Ewropew [ta' Tampere (1999)] irrefera għalih bħala 'l-punt ta' referenza' tal-kooperazzjoni ġudizzjarja".

6 — L-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 2(1).

11. L-għanijiet ewlenin tad-Deċizjoni Kwadru huma tnejn: l-ewwel, li jiġu aboliti proċeduri formali ta' estradizzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward ta' persuni li qed jaħarbu mill-ġustizzja wara li jkunu ġew ikkundannati b'mod finali u, it-tieni, sabiex jitħaffu l-proċeduri ta' estradizzjoni fir-rigward ta' persuni li huma ssuspettati li wettqu reat. Is-sistema eżistenti ta' estradizzjoni bejn Stati Membri għandha tiġi mibdula b'sistema ġdida, simplifikata u aktar mgħaġġla għac-ċediment ta' persuni fil-kategoriji msemmija aktar 'il fuq bejn awtoritajiet ġudizzjarji għall-iskopijiet ta' eżekuzzjoni ta' sentenzi kriminali jew ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali [7].

12. Skond il-premessa 10, "[i]l-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew huwa bbażat fuq livell għoli ta' kunfidenza [fiduċja] bejn l-Istati Membri".

13. L-Artikolu 1(1) jiddefinixxi l-mandat ta' arrest Ewropew bħala deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru (aktar 'il quddiem l-"Istat Membru li joħroġ il-mandat") bl-iskop ta' l-arrest u ċ-ċediment minn Stat Membru ieħor (aktar 'il quddiem l-"Istat Membru ta' eżekuzzjoni") ta' persuna rikjesta, għall-iskopijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni. Skond l-Artikolu 1(2), l-Istati Membri għandhom jeżegwixxu kwalunkwe mandat ta' arrest Ewropew fuq il-bażi tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas.

14. L-Artikolu 2(1) jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew: "[m]andat ta' arrest Ewropew jista' jiġi maħruġ [għal azzjonijiet] li huma punibbli mil-liġi ta' l-Istat Membru li joħorġu b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perijodu massimu ta' mill-inqas 12-il xahar jew, fejn sentenza ġiet mogħtija jew ordni ta' detenzjoni ġiet magħmula, għal sentenzi ta' mill-inqas erba' xhur".

15. L-Artikolu 2(2) fih lista ta' reati li, jekk ikunu punibbli fl-Istat Membru li joħroġ il-mandat b'sentenza ta' kustodja jew b'ordni ta' detenzjoni għal perijodu massimu ta' mill-inqas tliet snin, għandhom iwasslu għaċ-ċediment skond il-mandat ta' arrest Ewropew. L-Artikolu 2(4) jipprovdi li "[g]ħal offiżi barra minn dawk koperti mill-paragrafu 2, iċ-ċediment jista' jkun suġġett għall-kundizzjoni li l-[azzjonijiet] għal liema l-mandat ta' arrest Ewropew ġie maħruġ jikkostitwixxu offiża taħt il-liġi ta' l-Istat Membru li jeżegwixxih, irrispettivament [mill-]elementi kostitwenti jew [minn] kif hu deskritt".

16. L-Artikolu 3 jistabbilixxi raġunijiet li minħabba fihom l-awtorità ġudizzjarja ta' l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għandha tirrifjuta li teżegwixxi l-mandat ta' arrest Ewro-

7 — Premessa 5.

pew, inklużi każijiet fejn hija tiġi "informata li l-persuna rikjesta ġiet finalment iġġudikata minn Stat Membru fir-rigward ta' l-istess [azzjonijiet bil-kundizzjoni li], fejn kien hemm sentenza, is-sentenza ġiet [infurzata] jew qed tiġi [infurzata] bħalissa jew ma tistax tiġi eżegwita iżjed taħt il-liġi ta' l-Istat Membru li jagħti s-sentenza" [8].

17. L-Artikolu 4 jistipula r-raġunijiet li minħabba fihom l-awtorità ġudizzjarja li teżegwixxi tista' tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew. Rifjut ta' eżekuzzjoni huwa permess, *inter alia*, fil-każijiet li ġejjin:

— fejn il-persuna li hija s-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew qed tiġi pproċessata fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għall-istess azzjoni bħal dik li fuqha huwa bbażat il-mandat ta' arrest Ewropew [l-Artikolu 4(2)];

— fejn l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni ddeċidew li ma jmexxux proċeduri kriminali għar-reat li fuqu huwa bbażat il-mandat ta' arrest Ewropew jew li jwaqqfu l-proċedimenti, jew fejn tkun ġiet mogħtija fi Stat Membru sentenza finali fuq il-persuna rikjesta fir-rigward ta' l-istess azzjonijiet, li tipprekludi proċedimenti ulterjuri [l-Artikolu 4(3)];

— jekk l-awtorità ġudizzjarja li teżegwixxi hija informata li l-persuna rikjesta ġiet iġġudikata b'mod finali minn Stat terz fir-rigward ta' l-istess azzjonijiet bil-kundizzjoni li, fejn tkun ingħatat sentenza, is-sentenza ġiet infurzata jew bħalissa qed tiġi infurzata jew ma tistax tiġi eżegwita iżjed taħt il-liġi tal-pajjiż li ta s-sentenza [l-Artikolu 4(5)].

18. L-Artikolu 5 jirregola l-garanziji li għandhom jingħataw mill-Istat Membru li joħroġ il-mandat f'każijiet partikolari. L-Artikolu 5(1) jipprovdi li "fejn il-mandat ta' arrest Ewropew ġie maħruġ għall-iskopijiet ta' l-esekuzzjoni ta' sentenza jew ordni ta' detenzjoni imposta minn deċiżjoni mogħtija *in absentia* u jekk il-persuna in kwistjoni ma ġietx imsejħa *in persona* jew b'mod ieħor informata bid-data u l-post tas-seduta li wasslet għad-deċiżjoni mogħtija *in absentia*, iċ-ċediment jista' jkun suġġett għall-kundizzjoni li l-awtorità ġudizzjarja li toħroġ il-mandat tagħti assigurazzjoni kkunsidrata xierqa sabiex tiggarantixxi lil persuna suġġetta għall-mandat ta' arrest Ewropew li jkollha opportunità sabiex tapplika għal proċess ieħor tal-każ fl-Istat Membru li joħroġ il-mandat u li tkun preżenti għas-sentenza".

19. L-Artikolu 34 jipprovdi li l-Istat Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex iħarsu d-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas sal-31 ta' Diċembru 2003.

8 — Artikolu 3(2).

20. Fis-sottomissjonijiet tagħha l-Kummissjoni osservat li filwaqt li l-Italja kienet implimentat kif suppost id-Deċiżjoni Qafas fil-liġi nazzjonali, il-Bundesverfassungsgericht (il-Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża) kienet iddikjarat il-liġi li implementat id-Deċiżjoni Qafas fil-Ġermanja bħala nulla bis-sentenza tagħha tat-18 ta' Lulju 2005. B'riżultat ta' dan, il-Bundestag adotta liġi ta' implimentazzjoni ġdida fl-20 ta' Lulju 2006, ftit wara li nżammet is-seduta f'din il-kawża. Din il-liġi daħlet fis-seħħ fit-2 ta' Awwissu 2006 [9].

Il-proċeduri legali nazzjonali u d-domandi preliminari

21. L-appell tas-Sur Kretzinger kontra l-kundanna tiegħu mill-Landgericht ta' Augsburg (il-Qorti Reġjonali ta' Augsburg) għadu pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju. Dik il-qorti tagħti d-deskrizzjoni li ġejja tal-fatti fil-kawża prinċipali.

22. F'żewġ okkażjonijiet, f'Mejju 1999 u f'April 2000, is-Sur Kretzinger ittrasporta sigaretti, imdaħħlin bil-kuntrabandu fil-Greċja minn terzi persuni, permezz ta' trakk mill-Italja u l-Ġermanja, fi triqtu lejn ir-Renju Unit. Is-sigaretti kienu moħbija taħt tagħbijiet oħra. Fl-ebda punt ma ġew iddikjarati sabiex jiġu awtorizzati mid-dwana.

23. L-ewwel konsenja, li kienet tikkonsisti f'34,500 kartuna sigaretti bil-kuntrabandu, ġiet maqbuda minn uffiċjali tal-Guardia di Finanza Taljana fit-3 ta' Mejju 1999. Is-Sur Kretzinger kien inżamm għal ftit fil-kustodja tal-pulizija Taljana u/jew f'detenzjoni preventiva pendenti l-proċess. Fit-22 ta' Frar 2001, il-Corte d'Appello di Venezia, wara li laqgħet l-appell imressaq mill-Prosekutur Pubbliku kontra d-deċiżjoni ta' liberazzjoni mill-akkuża fil-prim'istanza, sabitu ħati, wara proċess *in absentia,* talli importa u talli kien fil-pussess ta' 6,900 kilogramm ta' tabakk barrani bil-kuntrabandu, u talli naqas milli jħallas id-dazju tad-dwana fuq dak it-tabakk. Din imponiet "sentenza ta' kustodja għal sena u tmien xhur ... fir-rigward taż-żewġ reati li kien akkużat bihom". Jidher li s-sentenza kienet ġiet sospiża. Taħt il-liġi Taljana, dik is-sentenza issa saret finali.

24. It-tieni konsenja kienet tikkonsisti f'14,927 kartuna ta' sigaretti bil-kuntrabandu. Is-Sur Kretzinger twaqqaf mill-Guardia di Finanza Taljana fit-12 ta' April 2000. Għal darb'oħra, inżamm għal ftit fil-kustodja tal-pulizija Taljana u/jew f'detenzjoni preventiva pendenti l-proċess. B'sentenza tal-25 ta' Jannar 2001 it-Tribunale di Ancona impona, għal darb'oħra *in absentia* u b'applikazzjoni ta' l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi Taljana, sentenza ta' kustodja għal sentejn (mhux sospiżi). Dik is-sentenza wkoll saret finali taħt il-liġi Taljana.

25. Il-qorti tar-rinviju tosserva li, minkejja diversi tentattivi sabiex jiġu kkjarifikati dawk is-sentenzi, ma kienx possibbli għaliha li

9 — Bundesgesetzblatt 2006, I Nru 36, p. 1721.

tistabbilixxi b'ċertezza preċiżament għal liema dazji ta' l-importazzjoni kienet tapplika kull waħda minn dawn is-sentenzi, u b'mod partikolari jekk it-tnejn li huma jew xi waħda minnhom kinux jinkludu xi akkuzi li għandhom x'jaqsmu ma', jew sentenza imposta minħabba, frodi tad-dwana.

26. Is-Sur Kretzinger ġie akkużat quddiem il-Landgericht ta' Augsburg talli evada d-dazju tad-dwana li kellu jitħallas fuq l-importazzjoni inizjali ta' l-oġġetti li ddaħħlu b'kuntrabandu fil-Greċja (reat skond il-paragrafu 374 tal-Kodiċi tat-Taxxa Ġermaniż) u nstab ħati. Il-Landgericht ikkundannatu għal sena u għaxar xhur priġunerija fir-rigward ta' l-ewwel konsenja u sena priġunerija fir-rigward tat-tieni konsenja.

27. Il-Landgericht ta' Augsburg kienet infurmata dwar is-sentenzi Taljani, imma osservat li s-sentenzi imposti fuq is-Sur Kretzinger fl-Italja ma kinux ġew infurzati. Hija kienet tal-fehma li, għalkemm iż-żewġ konsenji ta' sigaretti kienu jiffurmaw il-bażi fattwali taż-żewġ kundanni fl-Italja u tad-deċiżjonijiet tagħha, l-Artikolu 54 tal-KIFS ma kienx applikabbli.

28. Jidher li l-awtoritajiet Taljani ma ħadu ebda passi skond id-Deċiżjoni Qafas sabiex jinfurzaw is-sentenzi ta' kundanna fl-Italja.

29. Is-Sur Kretzinger appella quddiem id-Diviżjoni Kriminali tal-Budesgerichtshof (iktar 'il quddien "il-qorti tar-rinviju") fuq punt ta' liġi. Dik il-qorti għandha dubji dwar il-kompatibbilità tar-raġunament adottat mill-Landgericht ta' Augsburg mad-dritt ta' l-Unjoni Ewropea.

30. B'mod partikolari, hija tpoġġi fid-dubju l-konklużjoni tal-Landgericht ta' Augsburg li s-sentenzi ta' kundanna tas-Sur Kretzinger fl-Italja ma jagħtux lok għall-applikazzjoni tar-regola *ne bis in idem* kif inkorporata fl-Artikolu 54 tal-KIFS u, għalhekk, ma jimpedux proċeduri kriminali ulterjuri fil-Ġermanja. Hija tistaqsi jekk, bħala riżultat ta' vjaġġ wieħed mill-Greċja lejn l-Ewropa ta' fuq, "kuntrabandist jistax jiġi punit fi proċeduri kriminali separati f'kull Stat Membru li jkun għadda minnu għar-reat fiskali li jkun wettaq kull darba li qasam fruntiera, b'tali mod li huwa jista' jkollu jservi kull waħda minn dawk is-sentenzi konsekuttivament, jew jekk sentenza mogħtija fi Stat Membru wieħed fir-rigward ta' parti waħda (biss) minn dak il-vjaġġ wieħed ta' kuntrabandu tistax timpedixxi prosekuzzjonijiet ulterjuri f'kull parti ta' l-Ewropa".

31. Il-qorti tar-rinviju għalhekk tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħti deċiżjoni preliminari dwar id-domandi li ġejjin:

"[1] Hija prosekuzzjoni kriminali ta' 'l-istess azzjonijiet' fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS jekk imputat li jkun ġie kkundan-

nat minn qorti Taljana talli importa bil-kuntrabandu fl-Italja tabakk barrani u talli kien fil-pussess tiegħu hemmhekk, kif ukoll talli naqas milli jħallas id-dazju ta' importazzjoni fuq it-tabakk mal-fruntiera, jiġi sussegwentement ikkundannat minn qorti fil-Ġermanja — b'konnessjoni mal-fatt li kien irċieva l-istess affarijiet fil-Greċja — talli kien parti fl-evażjoni fir-rigward tad-dazju ta' importazzjoni (teknikament) Grieg li kien imponibbli meta l-affarijiet kienu preċedentement importati minn terzi persuni, safejn l-imputat mill-bidu nett kellu l-intenzjoni li jittrasporta l-affarijiet lejn ir-Renju Unit mill-Italja, wara li ħa l-konsenja tagħhom fil-Greċja?

[2] Piena "ġiet infurzata" jew "tkun fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata" fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS:

(a) jekk l-imputat ingħata sentenza ta' kustodja li l-infurzar tagħha ġie sospiż skond il-liġi ta' l-Istat fejn ingħatat is-sentenza;

(b) jekk l-imputat kien inżamm għal ftit żmien fil-kustodja tal-pulizija u/jew miżmum f'detenzjoni preventiva pendenti l-proċess, u din id-detenzjoni tkun tgħodd fir-rigward ta' l-infurzar sussegwenti tal-piena ta' priġunerija taħt il-liġi ta' l-Istat fejn ingħatat is-sentenza?

[3] L-interpretazzjoni tal-kunċett ta' infurzar għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS tiġi affettwata:

(a) mill-fatt li, wara li saret it-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill, tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' l-arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (ĠU 2002 L 190, p. 1), l-(ewwel) Stat fejn ingħatat is-sentenza huwa f'pożizzjoni li fi kwalunke ħin jinforza s-sentenza tiegħu li skond il-liġi nazzjonali hija finali u li torbot;

(b) mill-fatt li talba għal assistenza ġudizzjarja mill-Istat fejn ingħatat is-sentenza, bil-ħsieb li tiġi estradita l-persuna kkundanata jew li tiġi infurzata s-sentenza f'dak l-Istat, tista' ma tiġix osservata b'mod awtomatiku minħabba li s-sentenza ġiet mogħtija *in absentia*?"

32. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-Gvernijiet ta' l-Awstrija, tar-Repubblika Ċeka, tal-Ġermanja, tal-Polonja, ta' Spanja u ta' l-Iżvezja, u mill-Kummissjoni. Kien biss wara li t-terminu għall-proċedura bil-miktub kien diġà skada li ġie appuntat avukat għas-Sur Kretzinger. Għal din ir-raġuni, is-sottomissjonijiet ewlenin għas-Sur

Kretzinger ġew ippreżentati waqt is-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2006 fejn il-Ġermanja, l-Olanda, Spanja u l-Kummissjoni wkoll ippreżentaw it-trattazzjonijiet tagħhom.

33. Għandu jiġi osservat li l-osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati qabel is-sentenza f'*Van Esbroeck*[10]. Madanakollu, is-seduta saret wara li ngħatat dik is-sentenza.

**Evalwazzjoni**

*L-ewwel domanda*

34. Bl-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi xi jfisser it-terminu 'l-istess azzjonijiet' fl-Artikolu 54 tal-KIFS u, b'mod partikolari, jekk wieħed jistax iqis it-trasportazzjoni bi trakk ta' oġġetti bil-kuntrabandu mill-Greċja, mill-Italja u l-Ġermanja, u lejn ir-Renju Unit bħala li tikkostitwixxi azzjoni waħda għall-iskopijiet ta' dik id-dispożizzjoni peress li l-imputat mill-bidu nett kellu l-intenzjoni li jittrasporta l-affarijiet mill-Greċja lejn ir-Renju Unit.

35. Jiena nikkunsidra li l-kwistjonijiet li tqajmu bl-ewwel domanda issa ġew riżolti b'*Van Esbroeck*, kif ġie kkonfermat bil-ġurisprudenza sussegwenti.[11]

36. F'*Van Esbroeck* il-Qorti tal-Ġustizzja rrimarkat li l-"uniku kriterju rilevanti" għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS huwa dak ta' "l-identiċità tal-fatti materjali, mifhuma bħala l-eżistenza ta' ġabra ta' ċirkustanzi konkreti inseparabbilment marbuta bejniethom".[12] Fatti materjali jikkwalifikaw bħala l-'istess azzjonijiet' jekk jikkostitwixxu "ġabra ta' ċirkustanzi konkreti inseparabbilment marbuta bejniethom fiż-żmien, fl-ispazju u permezz tas-suġġett tagħhom".[13] Il-Qorti tal-Ġustizzja la aċċettat li l-identiċità ta' l-interess legali protett u lanqas li l-identiċità tal-klassifikazzjoni legali ta' l-azzjonijiet kienet meħtieġa sabiex l-azzjonijiet jiġu kkategorizzati bħala l-'istess azzjonjiiet' għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS.[14] Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina, fuq il-fatti, jekk "il-fatti materjali in kwistjoni jikkostitwixxu[x] ġabra ta' azzjonijiet inseparabbilment marbuta fiż-żmien, fl-ispazju u kif ukoll permezz tas-suġġett tagħhom".[15]

10 — Sentenza tad-9 ta' Marzu 2006 (C-436/04, Ġabra p. I-2333). L-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer kien ippreżenta l-Konklużjonijiet tiegħu fl-20 ta' Ottubru 2005.

11 — Ara s-sentenzi tat-28 ta' Settembru 2006, Van Straaten (C-150/05, Ġabra p. I-9327) u Gasparini *et* (C-467/04, Ġabra p. I-9199).

12 — Punt 36.

13 — Punt 38.

14 — *Ibid*, punti 31, 32 u 35. Fil-każ ta' sanzjonijiet Komunitarji u nazzjonali konkorrenti għall-istess azzjonijiet fil-qasam tal-liġi tal-kompetizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja eżiġiet ukoll li sabiex japplika l-prinċipju ta' *ne bis in idem*, l-interess legali protett mir-regoli tal-Komunità u dawk nazzjonali għandu jkun identiku. Għar-raġunijiet li tajt fil-Konklużjonijiet tiegħi f'Gasparini *et*, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11 aktar 'il fuq, fil-punti 155 sa 158, jiena tal-fehma li l-kontradizzjoni apparenti bejn iż-żewġ linji fil-ġurisprudenza tista' tiġi riżolta.

15 — Punt 38.

37. Minn *Van Esbroeck* isegwi li hija l-qorti nazzjonali li għandha teżamina jekk il-proċedimenti kriminali kontra s-Sur Kretzinger fil-Ġermanja għad-dħul bil-kuntrabandu tas-sigaretti fil-Greċja, u fl-Italja talli daħħal l-istess oġġetti bil-kuntrabandu fl-Italja, jikkonċernawx azzjonijiet li huma inseparabbilment marbuta bejniethom fiż-żmien, fl-ispazju u bis-suġġett tagħhom.

38. F'dak ir-rigward, il-qorti nazzjonali għandha tqis li, f'*Van Esbroeck*, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li sekwenza ta' avvenimenti li jikkonsistu fi tranżazzjonijiet ta' esportazzjoni u importazzjoni konnessi ma' xulxin "tista' tikkostitwixxi, bħala prinċipju, ġabra ta' azzjonijiet li, minħabba n-natura tagħhom stess, huma inseparabbilment marbuta".[16] Kif enfasizza korrettament l-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer f'dik il-kawża, "huwa assurd li ssir referenza għal importazzjoni u esportazzjoni f'territorju rregolat b'sistema legali li, essenzjalment, hija intiża sabiex tneħħi l-fruntieri kemm għal persuni u kemm għal prodotti".[17]

39. L-istess raġunament jista' japplika b'analoġija hawnhekk. Il-qorti tar-rinviju indikat li s-Sur Kretzinger kellu l-ħsieb li jittrasporta l-oġġetti in kwistjoni li ddaħħlu bil-kuntrabandu bl-art mill-punt tad-dħul tagħhom fil-Komunità (il-Greċja) sad-destinazzjoni finali tagħhom (ir-Renju Unit) fi vjaġġ wieħed. Dan kien neċessarjament jinvolvi qsim suċċessiv tal-fruntieri interni ta' l-UE. Kull qsim ta' fruntiera huwa stadju distint ta' kors ta' azzjoni wieħed li ma jistax jinqasam b'mod artifiċjali. Dawn l-istadji jistgħu, fil-prinċipju, jitqiesu bħala marbuta bejniethom fiż-żmien, fl-ispazju u (minħabba l-għan finali tal-vjaġġ li jiffurmaw parti minnu u l-unità ta' l-intenzjoni warajhom) bis-suġġett tagħhom. Id-dħul bil-kuntrabandu ta' sigaretti fil-Greċja (il-prosekuzzjoni Ġermaniża) u d-dħul bil-kuntrabandu ta' l-istess sigaretti fl-Italja peress li t-trakk qasam il-fruntiera Taljana fi triqtu għad-destinazzjoni finali fir-Renju Unit (il-prosekuzzjonijiet Taljani) jidhru għalhekk li huma bbażati fuq 'l-istess azzjonijiet' għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS.

40. Jien għalhekk qed nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja twieġeb l-ewwel domanda kif ġej:

Il-frażi 'l-istess azzjonijiet' fl-Artikolu 54 tal-KIFS tagħmel referenza għall-identiċità ta' fatti materjali, mifhuma bħala ġabra ta' ċirkustanzi konkreti li huma inseparabbilment marbuta bejniethom fiż-żmien, fl-ispazju u bis-suġġett tagħhom. Hija l-qorti nazzjonali kompetenti li għandha tiddetermina jekk il-fatti fil-kawża prinċipali humiex marbuta b'dan il-mod. Madanakollu, fejn imputat kellu l-intenzjoni sa mill-bidu nett li jittrasporta oġġetti bil-kuntrabandu mill-punt tad-dħul tagħhom sad-destinazzjoni finali tagħhom fil-Komunità f'operazzjoni waħda, kull qsim suċċessiv ta' fruntieri

16 — Punt 37.

17 — Punt 52 tal-konklużjonijiet tiegħu, iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10 aktar 'il fuq.

interni fil-kors ta' dik l-operazzjoni jista', fil-prinċipju, jitqies bħala azzjonijiet inseparabbilment marbuta għal dan l-iskop.

*It-tieni domanda*

41. It-tieni domanda tikkonsisti f'żewġ partijiet.

2(a) L-ewwel parti

42. Il-qorti tar-rinviju qiegħda tistaqsi jekk sentenza ta' kustodja sospiża mogħtija skond il-liġi nazzjonali tistax tiġi kkunsidrata bħala piena li "ġiet infurzata" jew li "tkun fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata" għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS. Fil-kunsiderazzjonijiet segwenti, jiena se nirreferi għal dawn iż-żewġ rekwiżiti bħala 'l-kundizzjoni ta' l-infurzar'.

43. Jiena naqbel mal-partijiet kollha li ppreżentaw osservazzjonijiet li għall-iskopijiet tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* fl-Artikolu 54 tal-KIFS sentenza ta' kustodja sospiża tammonta għal piena li jew "ġiet infurzata" jew li "tkun fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata".

44. Anki studju komparattiv fil-qosor tal-liġijiet juri li, għalkemm ir-rekwiżiti dettaljati jistgħu jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor, kollha jirrikonoxxu l-kunċett li sentenza ta' kustodja imposta fuq imputat li nstab ħati tista', sabiex tiġi mnaqqsa s-severità tas-sentenza, tiġi sospiża f'ċirkustanzi partikolari. Il-filosofija sottostanti hija li, għal termini relattivament qosra ta' priġunerija imposti fuq persuni ħatja li huwa maħsub li x'aktarx ma jerġgħux jagħmlu reat ieħor, ma jkunx fl-interess tas-soċjetà — u lanqas fl-interess ta' l-individwi kkonċernati — li tali persuni jiġu esposti għall-impatt negattiv tal-ħajja fil-ħabs. L-integrazzjoni mill-ġdid tal-persuna ħatja tiġi assigurata aħjar bis-sospensjoni tas-sentenza, sakemm jiġu osservati ċerti kundizzjonijiet matul il-perijodu tal-*probation*.

45. Iċ-ċirkustanzi li fihom sentenza tiġi sospiża jvarjaw bejn sistemi legali nazzjonali, imma b'mod ġenerali jippreżentaw xebh sostanzjali. Dan ix-xebh jikkonċerna l-gravità tar-reat (u għalhekk il-piena applikabbli) u ċ-ċirkustanzi personali tal-persuna ħatja. L-imħallef li jagħti s-sentenza normalment igawdi ċerta diskrezzjoni meta jevalwa dawn ta' l-aħħar.

46. Is-sospensjoni ta' sentenza ta' kustodja dejjem tkun tiddependi fuq li l-ħati jirrispetta ċerti kundizzjonijiet imposti mill-qorti kompetenti matul il-perijodu tal-*probation*. Dawn il-kundizzjonijiet ivarjaw bejn l-Istati Membri, u jiddependu wkoll fuq iċ-ċirkustanzi tal-każ. L-awtoritajiet kompetenti jikkontrollaw li l-persuna ħatja tosserva dawn

il-kundizzjonijiet u l-qorti kompetenti żżomm il-poter li tattiva s-sentenza sospiża jekk dawn jiġu miksura. Normalment, l-attivazzjoni hija diskrezzjonali, imma xi kultant tista' tkun mandatorja. B'mod ġenerali, kundanna għal xi reat kriminali ieħor tiskatta s-sentenza sospiża.

47. Jekk is-sentenza sospiża tiġi attivata, is-sentenza sħiħa ta' prigunerija imposta oriġinarjament ikollha tiġi skontata.

48. Jekk, madanakollu, il-persuna ħatja tirrispetta l-kundizzjonijiet applikabbli matul il-perijodu tal-*probation*, hija mbagħad (jiddependi fuq l-Istat Membru) jew tiġi rreġistrata bħala li skontat debitament is-sentenza tagħha jew tiġi meqjusa daqs li kieku r-reat u l-kundanna qatt ma ġraw.

49. Jekk tħares lejha b'mod sostantiv, sentenza ta' kustodja sospiża tinkorpora fiha piena li qed tiġi infurzata. Persuna li hija suġġetta għal sentenza ta' kustodja sospiża tkun ġiet ipproċessata, instabet ħatja u ġiet ikkundannata b'sentenza. Permezz tal-perijodu tal-*probation* li matulu dik il-persuna jkollha tirrispetta ċerti kundizzjonijiet obbligatorji, il-libertà normali ta' azzjoni tagħha tkun temporanjament limitata. Din taf ukoll li, jekk tikser il-kundizzjonijiet tas-sospensjoni, hija aktarx tispiċċa l-ħabs sabiex tiskonta s-sentenza ta' kustodja. Din tgħix bix-xabla ta' Damocles imdendla fuq rasha.

50. Huwa għalhekk ċar li sentenza sospiża ta' kustodja tabilħaqq 'tippenalizza' lill-ħati, anki jekk fi grad inqas minn sentenza ta' kustodja immedjata. Għaldaqstant, din għandha, sakemm tkun għadha fis-seħħ, titqies bħala piena li "ġiet infurzata [jew] tkun fil-fatt fil-proċess li tiġi nfruzata" fis-sens ta' l-Arikolu 54 tal-KIFS.

51. Jiena nosserva wkoll li, fil-kuntest nazzjonali, persuna suġġetta għal sentenza sospiża hija ġeneralment meqjusa bħala li qed tibbenefika mill-prinċipju *ne bis in idem*. Din il-persuna tkun diġà tpoġġiet fir-riskju ta' kundanna darba u m'għandhiex terġa' tgħaddi mir-riskju ta' prosekuzzjoni firrigward ta' l-istess fatti għat-tieni darba [18]. Ma nara l-ebda raġuni għalfejn il-konklużjoni għandha tkun differenti fil-kuntest tal-ftehim ta' Schengen.

52. Jiena għalhekk nissuġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja twieġeb id-domanda 2(a) kif ġej:

"Sentenza ta' kustodja, li l-infurzar tagħha kien ġie sospiż bil-kundizzjoni li, matul

18 — Ara l-analiżi tar-rabta bejn ir-regola kontra r-riskju doppju (*double jeopardy*) u l-prinċipju ta' *ne bis in idem* magħmula fil-punti 72 u 77 tal-konklużjonijiet tiegħi f'Gasparini *et*, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11 aktar 'il fuq.

perijodu definit ta' żmien, il-ħati jirrispetta ċerti kundizzjonijiet stabbiliti skond il-liġi ta' l-Istat fejn ingħatat is-sentenza, hija piena li ġiet infurzata jew li tkun fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS u, sakemm il-kundizzjonijiet l-oħra taħt dik id-dispożizzjoni jiġu osservati, tagħti lok għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* stabbilit f'dak l-artikolu.

2(b) It-tieni parti

53. Il-qorti tar-rinviju qiegħda tistaqsi jekk il-kundizzjoni ta' l-infurzar fl-Artikolu 54 tal-KIFS tiġix osservata jekk l-imputat jinżamm għal perijodu qasir fil-kustodja tal-pulizija u/jew jinżamm f'detenzjoni preventiva pendenti l-proċess, u dik id-detenzjoni tkun tgħodd fir-rigward ta' xi infurzar sussegwenti tal-piena ta' priġunerija skond il-liġi ta' l-Istat fejn ingħatat is-sentenza. Għall-konvenjenza, jiena se nirreferi għal dan il-kunċett ta' l-aħħar bħala l-"prinċipju ta' tpaċija."

54. Il-qorti tar-rinviju esplicitament illimitat l-iskop tad-domanda tagħha għall-każ fejn il-perijodi ta' detenzjoni pendenti l-proċess ikunu għal żmien qasir. Madanakollu, mill-ordni tar-rinviju mhuwiex ċar jekk il-perijodi qosra ta' detenzjoni skontati mis-Sur Kretzinger fl-Italja [19] ġewx skontati fil-kustodja tal-pulizija għall-interrogazzjoni mingħajr l-intervent ta' imħallef, jew jekk inżammx fuq detenzjoni preventiva pendenti l-proċess b'deċiżjoni ta' l-imħallef kompetenti. Id-domanda tal-qorti tar-rinviju esplicitament issemmi ż-żewġ tipi ta' detenzjoni. Għal dik ir-raġuni, u anki fid-dawl ta' l-osservazzjonijiet bil-miktub li ġew ippreżentati, jiena se neżamina, l-ewwel, id-detenzjoni preventiva pendenti l-proċess b'mod ġenerali, irrispettivament mid-durata tagħha, u, it-tieni, iż-żmien skontat fil-kustodja tal-pulizija.

— Detenzjoni preventiva pendenti l-proċess

55. Ikun utli li wieħed jibda b'żewġ osservazzjonijiet preliminari.

56. L-ewwel nett, detenzjoni preventiva pendenti l-proċess hija parti sensittiva tal-liġi kriminali u tal-politika fil-qasam kriminali f'soċjetajiet demokratiċi safejn din tipproteġġi l-interess pubbliku għas-spejjeż tal-libertà individwali. Ir-regola ġenerali hija li ċ-ċittadini m'għandhomx jiġu mċaħħda mil-libertà individwali tagħhom sakemm ma jkunux ġew ikkundannati għal reat kriminali

19 — Id-digriet tar-rinviju jindika li s-Sur Kretzinger għadda biss ġurnata waħda fil-kustodja tal-pulizija fir-rigward ta' l-ewwel prosekuzzjoni. L-ebda informazzjoni fuq dak il-punt m'hija disponibbli fir-rigward tat-tieni prosekuzzjoni f'Ancona.

minn qorti kompetenti wara proċess stabbilit bil-liġi [20]. Preċiżament għal din ir-raġuni, id-detenzjoni preventiva hija suġġetta għal salvagwardji proċedurali u materjali stretti taħt il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ('KEDB') [21]. B'mod simili, persuni suġġetti għal detenzjoni qabel il-proċess li sussegwentement jiġu rilaxxati mingħajr akkuża, jew li jiġu pproċessati imma jiġu liberati, jistgħu, taħt ċerti ċirkustanzi, ikunu intitolati għal kumpens [22].

57. It-tieni nett, l-għan tad-detenzjoni qabel il-proċess mhuwiex (u ma setax ikun) il-kastig ta' l-imputat għal reat kriminali li għalih għadu ma ġiex ikkundannat. Kif il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem irrilevat, l-għan tad-detenzjoni pendenti l-proċess huwa li jiġi evitat ir-riskju li l-imputat jonqos milli jidher għall-proċess, jew li, jekk jinħeles, ikun jista' jieħu azzjoni li tippreġudika l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, iwettaq reati oħra jew joħloq diżordni pubblika [23]. Għalhekk, kif il-Ġermanja, Spanja u l-Awstrija indikaw, detenzjoni qabel il-proċess tippreċedi kull sentenza jew riżoluzzjoni tal-proċeduri kriminali.

58. Jekk induru għad-domanda magħmula, jiena naqbel mal-partijiet kollha li ssottomettew osservazzjonijiet (bl-eċċezzjoni ovvja tas-Sur Kretzinger) li perijodi ta' detenzjoni preventiva ma jistgħux jiġu kkunsidrati awtomatikament bħala infurzar (sħiħ jew parzjali) ta' piena għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS.

59. L-Artikolu 54 tal-KIFS japplika biss ġaladarba l-"każ [...] ikun inqata' b'mod finali". Id-detenzjoni preventiva sseħħ waqt li l-proċess ikun pendenti. Din mid-definizzjoni tagħha sseħħ qabel il-każ "ikun inqata' b'mod finali" skond ir-regoli applikabbli. Fuq interpretazzjoni litterali, l-Artikolu 54 tal-KIFS għalhekk ma jistax japplika għal tali perijodi, anki jekk dawn għandhom, skond il-liġi nazzjonali, jittieħdu in kunsiderazzjoni għall-iskopijiet ta' xi sentenza ta' kustodja sussegwenti.

60. Barra dan, l-għanijiet tad-detenzjoni pendenti l-proċess huma pjuttost differenti minn dawk segwiti mis-soċjetà meta tiġi infurzata piena [24].

20 — Ara l-Artikolu 5(1)(ċ) u (3) tal-KEDB.

21 — Hemm ġurisprudenza abbundanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Artikolu 5(1)(c) u (3) tal-KEDB. Ara b'mod partikolari, is-sentenza Ječius vs Il-Litwanja, tal-31 ta' Lulju 2000.

22 — Bħal ma huwa l-każ, per eżempju, fi Franza.

23 — Ara, b'mod partikolari, Smirnova vs Ir-Russja, ta' l-24 ta' Lulju 2003, (KEDB 2003-IX), punt 59 u l-ġurisprudenza hemmhekk iċċitata.

24 — Ara l-punt 57.

61. Jien għalhekk ma naċċettax l-argument li persuna li ġiet suġġetta għal detenzjoni pendenti l-proċess (speċjalment jekk id-detenzjoni kienet għal żmien qasir) neċessarjament tissodisfa, għalhekk, il-kundizzjoni ta' l-infurzar skond l-Artikolu 54 tal-KIFS.

62. Wara li ċċarajna dan il-punt, kif is-Sur Kretzinger, l-Awstrija, l-Olanda u l-Kummissjoni ssottomettew, jista' jkun hemm ċirkustanzi fejn id-detenzjoni qabel il-proċess ikollha dak l-effett. Jekk l-imputat li ġie detenut pendenti l-proċess jiġi sussegwentement ikkundannat u jirċievi sentenza ta' kustodja, il-każ tiegħu jkun inqata' b'mod finali u — f'dan il-punt — l-ewwel kundizzjoni għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS tkun issodisfata. F'dawk iċ-ċirkustanzi, il-kwistjoni hija jekk iż-żmien ta' detenzjoni pendenti l-proċess, li skond il-liġi nazzjonali għandu jgħodd għall-iskop ta' l-infurzar tas-sentenza ta' kustodja imposta, jistax jitqies li ssodisfa l-kundizzjoni ta' l-infurzar fl-Artikolu 54 tal-KIFS.

63. Meta niġi sabiex inwieġeb din id-domanda, jeħtieġ li nagħmel distinzjoni bejn żewġ xenarji.

64. Fl-ewwel xenarju, iż-żmien ta' detenzjoni pendenti l-proċess huwa ta' l-inqas ugwali għat-terminu ta' priġunerija impost fis-sentenza finali ta' kustodja. Safejn stajt naċċerta, is-sistemi tal-liġi kriminali ta' l-Istati Membri kollha fihom xi verżjoni tal-prinċipju ta' tpaċija [25] meta tiġi infurzata kwalunkwe sentenza ta' kustodja. Kif qalu korrettament l-avukati għas-Sur Kretzinger u Spanja dan il-prinċipju huwa manifestazzjoni speċifika tal-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità fil-ġustizzja kriminali (u, jiena nista' nżid ngħid, tal-ġustizzja naturali): is-sentenza għandha tkun proporzjonali għar-reat. Għalhekk, skond il-liġi nazzjonali, teħid tal-libertà pendenti l-proċess għandu jiġi mnaqqas minn kwalunkwe terminu ta' priġunerija impost b'mod finali b'sentenza. Fejn il-perijodi ta' l-ewwel huma, minn ta' l-inqas, daqs id-durata tal-perijodi ta' l-aħħar, is-sentenza ta' kustodja titqies bħala li ġiet skontata biż-żmien li jkun ġie skontat f'detenzjoni pendenti l-proċess. Altrimenti l-ħati jkun suġġett għal piena iktar ħarxa minn kemm is-soċjetà tikkunsidra li huwa xieraq għal dak ir-reat.

65. L-istess konklużjoni tapplika għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS. Fil-fatt, dik il-konklużjoni hija inevitabbli jekk wieħed jikkunsidra, kif nagħmel jien, li l-prinċipju ta'

25 — Dan il-prinċipju ssir referenza speċifika għalih bħala *principe d'imputation* fil-liġi kriminali Franċiża jew *Anrechnungsprinzip* fil-liġi kriminali Ġermaniża. Ara wkoll id-deċiżjoni tal-*House of Lords* f'*Regina* v *Governor of Her Majesty's Prison Brockhill, Ex parte Evans (No 2)* ([2001] 2 AC 19] fejn Lord Hope of Craighead għamel referenza għal "prinċipju wiesa' ... li perijodi ta' kustodja qabel il-proċess jew is-sentenza li huma attribwibbli biss għar-reat li għalih il-ħati qed jiġi kkundannat għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni meta jiġi kkalkulat it-tul tal-perijodu li l-ħati għandu jqatta' taħt kustodja wara li jkun ġie kkundannat". Dan il-prinċipju huwa rifless ukoll fl-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni Qafas (li jagħmel parti mill-Kapitolu 3, intitolat 'Effetti taċ-ċediment'), li jipprovdi li "[l]-Istat Membru li joħroġ il-mandat għandu jnaqqas il-perijodi kollha ta' detenzjoni li jirriżultaw mill-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew mill-perijodu totali ta' detenzjoni li għandu jiġi [skontat] fl-Istat Membru li joħroġ il-mandat bħala riżultat ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni li qed tiġi mogħtija". F'xi Stati Membri, bħall-Ġermanja u partijiet tar-Renju Unit, ir-regoli dwar l-għoti ta' sentenzi jippermettu lill-imħallef kompetenti sabiex jirrifjuta l-applikazzjoni tal-prinċipju għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-imġiba tal-ħati waqt li jkun taħt kustodja preventiva. Madanakollu, kull tluq minn dan il-prinċipju għandu jiġi ġġustifikat kif xieraq.

tpaċija joħroġ mill-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-ġustizzja naturali u tal-prinċipju ta' proporżjonalità fil-ġustizzja kriminali, u li, bħala tali, dan għandu l-istatus ta' prinċipju ġenerali tad-dritt ta' l-UE [26]. Minn dan isegwi li, anki jekk il-liġi nazzjonali ma kinitx tipprovdi għal xi prinċipju ta' tpaċija [27], id-dritt ta' l-UE jeħtieġ li l-Istati Membri jittrattaw il-kundizzjoni ta' l-infurzar fl-Artikolu 54 tal-KIFS bħala li ġiet issodisfata fejn imputat li ġie kkundannat ikun inżamm f'detenzjoni preventiva fi Stat Membru wieħed għal perijodu ugwali għal, jew iktar minn, it-tul tas-sentenza ta' kustodja imposta fi Stat Membru ieħor għall-istess azzjonijiet. B'riżultat ta' dan, kull proċeduri kriminali ulterjuri kontra l-istess persuna għall-istess fatti materjali jkunu preklużi bl-Artikolu 54 tal-KIFS.

66. Fit-tieni xenarju, il-perijodi skontati f'detenzjoni pendenti l-proċess huma inqas mit-tul tas-sentenza finali ta' kustodja. Fl-ambitu ta' dan ix-xenarju, jinħtieġ li ssir distinzjoni bejn żewġ sitwazzjonjiiet.

67. Fl-ewwel sitwazzjoni, il-ħati jiskonta dak li jkun fadallu mit-terminu ta' priġunerija (jiġifieri, id-differenza bejn iż-żmien skontat fid-detenzjoni u s-sentenza ta' kustodja li ġiet imposta) [28]. Huwa ovvju li peress li l-piena hija "fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata" l-kundizzjoni ta' l-infurzar fl-Artikolu 54 tal-KIFS tkun issodisfata. Jekk wieħed jassumi li l-kundizzjonijiet l-oħra fl-Artikolu 54 tal-KIFS ikunu ssodisfati, l-Istati Membri l-oħra għandhom iżommu lura milli jressqu azzjoni kriminali kontra dak il-ħati għat-tieni darba fuq il-bażi ta' l-istess fatti.

68. Fit-tieni sitwazzjoni, il-ħati jkun skonta perijodi ta' detenzjoni pendenti l-proċess, imma jkun ħieles meta tingħata s-sentenza ta' kustodja. Ma jistax jitqies li l-piena ġiet infurzata b'mod sħiħ (għax parti mis-sentenza għad trid tiġi skontata), lanqas li attwalment tinsab fil-proċess li tiġi infurzata (għax l-imputat ma jinsabx fil-ħabs). Il-kundizzjoni ta' l-infurzar għalhekk ma tkunx issodisfata. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-imputat ma jistax jiddependi fuq l-Artikolu 54 tal-KIFS jekk jitressqu proċeduri kriminali ulterjuri kontrih fi Stat Membru ieħor għall-istess azzjonijiet.

69. F'dan il-każ ta' l-aħħar, madanakollu, persuna ħatja tkun tista' tinvoka, abbażi tad-dritt Komunitarju, il-prinċipju ta' tpaċija sabiex iż-żmien skontat f'kustodja preventiva fl-ewwel Stat Membru jitnaqqas mit-terminu ta' priġunerija impost bis-sentenza fit-tieni Stat Membru.

26 — Ara l-analiżi f'punti 53 sa 64 tal-Konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża C-367/05, *Kraaijenbrink*, li ppreżentajt illum ukoll.

27 — Ċertament din il-possibbiltà hija sempliċiment teoretika. Kif spjegajt aktar 'il fuq, il-liġijiet kriminali nazzjonali kollha jirrikonoxxu l-prinċipju ta' tpaċija ta' perijodi ta' detenzjoni pendenti l-proċess.

28 — Jew ilesti l-perijodu relattiv ta' probation assoċjat mas-sentenza (ta' kustodja) sospiża, kif deskritt aktar 'il fuq.

70. Kif indikajt aktar 'il fuq, jiena nikkunsidra l-prinċipju ta' tpaċija bħala prinċipju ġenerali tad-dritt ta' l-UE li joħroġ mill-prinċipji ta' proporzjonalità fil-liġi kriminali u ta' ġustizzja naturali, li huwa distint minn iżda relatat mal-prinċipju ta' *ne bis in idem*. Bħala tali, il-ħati jista' jinvokah b'mod dirett.

71. Anki li kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kellha twarrab din il-proposta, l-Artikolu 56 tal-KIFS [29] xorta waħda jobbliga, kif issottomettew il-Kummissjoni u l-Iżvezja, lil Stat Membru sabiex ipaċi kull perijodu ta' detenzjoni skontat mill-imputat fi Stat Membru ieħor kontra sentenza ta' kustodja li dan ried jimponi.

72. Il-formulazzjoni wiesgħa ta' l-Artikolu 56 tal-KIFS tindika li dan japplika meta, għal kwalunkwe raġuni, tinbeda prosekuzzjoni kontra l-istess imputat fi Stat Membru minkejja l-fatt li l-proċess kontrih għall-istess azzjonijiet kien ġie konkluż fi Stat Membru iehor [30]. Wieħed jista' jara li dan jista' jiġri jew fejn tapplika waħda mid-derogi fl-Artikolu 55 tal-KIFS, jew fejn il-proċess inqata' imma l-kundizzjoni ta' l-infurzar ma kinitx issodisfata. F'ċirkustanzi oħra, il-prinċipju ta' *ne bis in idem* fl-Artikolu 54 tal-KIFS għandu japplika.

— Żmien skontat fil-kustodja tal-pulizija

73. F'ħafna mill-Istati Membri l-pulizija tista' tħalli persuna suspettata taħt kustodja għal perijodu qasir ta' żmien sabiex tkun tista' tiġi interrogata jew sabiex ikunu jistgħu jsiru investigazzjonijiet preliminari. B'mod ġenerali, perijodi bħal dawn ma jistgħux jeċċedu bejn 48 u 72 siegħa li matulhom il-persuna suspettata għandha titressaq quddiem imħallef kompetenti, li għandu jiddeċiedi jekk jawtorizzax detenzjoni mill-pulizija itwal, ipoġġix lill-imputat f'detenzjoni preventiva jew jekk jeħilsux, kemm jekk taħt akkuża u kemm jekk le [31]. Bħal fil-każ ta' detenzjoni preventiva pendenti l-proċess (u għall-istess raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-preminenza tal-libertà individwali, mal-valuri demokratiċi essenzjali u mar-rispett tal-liġi), il-kustodja tal-pulizija hija suġġetta għal kundizzjonijiet stretti skond l-Artikolu 5 (1)(ċ) u (3) tal-KEDB, kif interpretati mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [32].

29 — Jiena nikkunsidra l-Artikolu 56 bħala li sempliċement jiddikjara l-prinċipju ġenerali ta' tpaċija (li japplika għal kull piena preċedenti imposta għall-istess azzjonijiet, tkun xi tkun in-natura tagħha) għall-iskopijiet ta' Schengen u biss safejn għandhom x'jaqsmu pieni li jinvolvu t-teħid tal-libertà. Il-fatt li l-Artikoli 54 u 56 huma t-tnejn fil-Kapitolu 3 tat-Titolu III tal-KIFS, taħt it-titolu "Applikazzjoni tal-prinċipju tan-*ne bis in idem*", fil-fehma tiegħi ma jbiddel xejn mill-fatt li dawn huma żewġ prinċipji awtonomi fid-dritt ta' l-UE. Jiena niddiskuti l-prinċipju ta' tpaċija fil-Konklużjonijiet tiegħi f'Kraaijenbrink, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26 aktar 'il fuq, fil-punti 53 sa 64 u nagħmel referenza għal dik l-analiżi.

30 — F'Kraaijenbrink, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26 aktar 'il fuq, il-Gvern Olandiż oppona bil-qawwa s-sottomissjonijiet orali tal-Kummissjoni f'dan is-sens.

31 — L-arranġamenti għad-detenzjoni ta' terroristi ssuspettati fil-kustodja tal-pulizija jistgħu jkunu inqas liberali.

32 — Il-każ ewlieni huwa Brogan *et* vs Ir-Renju Unit, sentenza tad-29 ta' Novembru 1988, serje A Nru 145-B.

74. Ma nara l-ebda raġuni valida għalfejn perijodi skontati fil-kustodja tal-pulizija għandhom jiġu ttrattati b'mod differenti minn żmien skontat f'detenzjoni preventiva pendenti l-proċess għall-finijiet tal-kundizzjoni ta' l-infurzar fl-Artikolu 54 tal-KIFS [33]. L-istess raġunament japplika *mutatis mutandis.*

75. Jien għalhekk nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja twieġeb it-tieni parti tat-tieni domanda kif ġej:

Perijodi skontati minn imputat fil-kustodja tal-pulizija u/jew f'detenzjoni preventiva pendenti l-proċess f'xi Stat Membru m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala piena li ġiet infurzata jew li fil-fatt tinsab fil-proċess li tiġi infurzata għall-finijiet ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS, sakemm dawn il-perijodi ma jkunux, minn ta' l-inqas, daqs terminu ta' priġunerija impost bis-sentenza li ttemm il-proċess b'mod finali li fir-rigward tiegħu l-imputat kien fil-kustodja tal-pulizija jew f'detenzjoni preventiva.

*It-tielet domanda*

76. Fit-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-effett, jekk huwa l-każ, tad-Deċiżjoni Qafas fuq l-interpretaazzjoni tal-'kundizzjoni ta' l-infurzar' fl-Artikolu 54 tal-KIFS. Anki t-tielet domanda tikkonsisti f'żewġ partijiet.

77. Kif diġà indikajt [34] il-liġi li timplimenta d-Deċiżjoni Qafas fil-Ġermanja ġiet annullata mill-Bundesverfassungsgericht fit-18 ta' Lulju 2005, ġurnata biss qabel ma ġiet ippreżentata quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja t-talba għal deċiżjoni preliminari. Id-Deċiżjoni Qafas fil-preżent tidher li mhijiex applikabbli għall-Ġermanja. Madankollu, liġi ta' implimentazzjoni ġdida kienet adottata fl-20 ta' Lulju 2006 u daħlet fis-seħħ fit-2 ta' Awwissu 2006, jiġifieri wara li nżammet is-seduta f'din il-kawża.

78. Kif ġie rrilevat mir-Repubblika Ċeka, mhuwiex ovvju għalfejn tweġiba għat-tieni parti tat-tielet domanda — li tistaqsi dwar l-effetti ta' sentenzi mogħtija wara proċess *in absentia* u, b'mod aktar partikolari, ta' l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni Qafas, fuq l-Artikolu 54 tal-KIFS — hija rilevanti għall-eżitu tal-kawża prinċipali quddiem il-qorti nazzjonali. L-awtoritajiet Taljani ma ħargux mandat ta' arrest Ewropew. Lanqas, skond l-ordni tar-rinviju, m'huwa imminenti li jagħmlu dan.

33 — Huwa veru li xi sistemi nazzjonali jistipulaw li xi perijodi ta' detenzjoni fil-kustodja tal-pulizija (normalment dawk li ma jeċċedux 24 siegħa bħala tul) m'għandhomx jitnaqqsu mit-terminu finali ta' priġunerija impost b'sentenza. Din tikkostitwixxi eċċezzjoni negliġġibli għar-regola normali.

34 — Punt 20.

79. Għal dawn ir-raġunijiet wieħed jista' jargumenta li t-tielet domanda hija sempliċement ipotetika u għalhekk mhijiex ammissibbli skond il-ġurisprudenza [35].

80. Madanakollu, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli, huwa possibbli li dawn id-domandi, li b'mod evidenti jqajmu punt ta' interpretazzjoni tad-dritt ta' l-UE, jistgħu jkunu rilevanti għall-kawża prinċipali. Hija biss il-qorti tar-rinviju li tista' tagħmel din l-evalwazzjoni. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, fil-prinċipju, marbuta li tagħti deċiżjoni [36].

81. Barra minn dan, fir-rigward tat-tieni parti, il-qorti tar-rinviju tosserva fl-ordni tar-rinviju tagħha li l-istatus tas-sentenzi mogħtija wara process *in absentia* minn qrati barranin huwa suġġett ta' ċerta kontroversja fil-Ġermanja. Għalhekk jidher li tweġiba għad-domanda tista' tabilħaqq tkun ta' għajnuna għall-qorti tar-rinviju meta din tiġi sabiex tikkunsidra kif sentenzi bħal dawn għandhom jiġu ttrattati, indipendentement mill-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni Qafas ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS.

82. Jien għalhekk se nissuġġerixxi tweġiba għaż-żewġ partijiet tat-tielet domanda.

83. Jiena nosserva wkoll li t-tielet domanda tikkontempla s-sitwazzjoni fejn jiġi maħruġ mandat ta' arrest Ewropew għall-iskopijiet ta' "eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni" kontra persuna rikjesta. L-analiżi tiegħi hija limitata għal dawn iċ-ċirkustanzi.

3(a) L-ewwel parti

84. L-ewwel parti essenzjalment tistaqsi jekk l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' 'infurzar' għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS huwiex affettwat mill-fatt li, skond id-Deċiżjoni Qafas kif implementata fil-liġi nazzjonali, l-Istat Membru li joħroġ il-mandat (f'dan il-każ l-Italja) fejn ingħatat is-sentenza finali jista' jitlob l-arrest u ċ-ċediment ta' l-imputat mill-Istat Membru ta' l-eżekuzzjoni (f'dan il-każ il-Ġermanja) sabiex jinforza dik is-sentenza fi kwalunkwe ħin.

85. Ma nistax nara kif id-Deċiżjoni Qafas taffettwa l-interpretazzjoni tal-kundizzjoni ta' l-infurzar fl-Artikolu 54 tal-KIFS.

35 — Ara, bħala eżempju, is-sentenza Van Straaten, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11 aktar 'il fuq, punt 34.

36 — *Ibid*, punt 33.

86. L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Qafas jipprovdi li l-iskop li jinħareġ mandat ta' arrest huwa l-arrest u ċ-ċediment minn Stat Membru ieħor ta' persuna rikjesta, għall-iskopijiet "tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni".

87. L-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni Qafas espressament jelenka, bħala waħda mir-raġunijiet għall-obbligu li ma jiġiż eżegwit mandat ta' arrest Ewropew, il-każ fejn "l-awtorità ġudizzjarja [ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni] hija informata li l-persuna rikjesta ġiet finalment iġġudikata minn Stat Membru fir-rigward ta' l-istess [azzjonijiet bil-kundizzjoni li], fejn kien hemm sentenza, is-sentenza ġiet [infurzata] jew qed tiġi [infurzata] bħalissa jew ma tistax tiġi eżegwita iżjed taħt il-liġi ta' l-Istat Membru li jagħti s-sentenza".

88. Minn dawn id-dispożizzjonijiet isegwi, anki bħala kwistjoni ta' loġika, li fejn mandat ta' arrest Ewropew għall-iskopijiet ta' eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jinħareġ wara proċess u kundanna, il-kundizzjoni ta' l-infurzar fl-Artikolu 54 tal-KIFS, mid-definizzjoni tagħha, ma tkunx issodisfata. Huwa ċar li mandat ta' arrest Ewropew għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jinħareġ preċiżament għax is-sentenza in kwistjoni *ma ġietx* infurzata jew ma tkunx fil-proċess li tiġi infurzata. Għalhekk, l-Artikolu 54 tal-KIFS ma jistax japplika. Minn dan isegwi b'mod irreżistibbli li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, Stat Membru mhuwix miżmum mill-prinċipju ta' *ne bis in idem* milli jagħti bidu għal proċeduri kriminali għall-istess azzjonijiet, anki jekk il-ħati in kwistjoni ġie pproċessat u kkundannat għall-istess azzjonijiet f'xi Stat Membru ieħor.

89. Għalhekk, mid-Deċiżjoni Qafas nnifisha huwa ċar li l-ħruġ attwali ta' mandat ta' arrest Ewropew, aħseb u ara s-sempliċi possibiltà li dan jista' jinħareġ fil-futur, m'għandu l-ebda implikazzjoni għall-prinċipju ta' *ne bis in idem*. Għall-kuntrarju, kif juri l-Artikolu 3(2), il-prinċipju ta' *ne bis in idem* jirregola jekk mandat ta' arrest Ewropew maħruġ skond id-Deċiżjoni Qafas għandu jew m'għandux jiġi eżegwit.

90. Din il-konklużjoni hija ġġustifikata aktar u aktar mill-fatt li, kif ġie osservat mill-Awstrija fl-osservazzjonijiet tagħha, il-partijiet għall-Ftehim ta' Schengen [37] mhumiex l-istess bħal dawk li huma suġġetti għad-Deċiżjoni Qafas. Li kieku l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* fl-Artikolu 54 tal-KIFS kienet tiddependi mid-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas, dan kien iwassal għal inċertezza legali.

37 — Filwaqt li d-Deċiżjoni Qafas tapplika għall-Istati Membri ta' l-UE kollha, il-KIFS hija applikabbli biss għal dawk l-Istati Membri li implementaw l-acquis ta' Schengen b'mod sħiħ, flimkien man-Norveġja u l-Iżlanda bħala partijiet kontraenti għall-KIFS u r-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward ta', *inter alia*, l-Artikoli 54 sa 58 tal-KIFS. Ara l-punt 75 tal-konklużjonijiet tiegħi f'Gasparini *et*, iċċitata f'nota ta' qiegħ il-paġna 10 aktar 'il fuq.

91. Jien għalhekk nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja twieġeb l-ewwel parti tat-tielet domanda fit-termini li ġejjin:

Il-kunċett ta' infurzar għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS mhuwiex affettwat mill-fatt li Stat Membru li fih imputat ġie kkundannat b'sentenza finali u li torbot skond il-liġi nazzjonali jista', fi kwalunkwe ħin, joħroġ mandat ta' arrest Ewropew għaċ-ċediment ta' l-akkużat sabiex tiġi infurzata dik is-sentenza skond id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri.

3(b) It-tieni parti

92. It-tieni taqsima tat-tielet domanda essenzjalment tistaqsi jekk l-interpretazzjoni tal-kundizzjoni ta' l-infurzar fl-Artikolu 54 tal-KIFS hijiex affettwata mill-fatt li s-sentenza li hija s-suġġett tal-mandat ta' arrest Ewropew ingħatat wara proċess *in absentia*.

93. Il-qorti tar-rinviju tanalizza din id-domanda billi tagħmel referenza għall-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni Qafas. Hija tikkunsidra li l-possibiltà li wieħed jinsisti fuq ritrattazzjoni bħala kundizzjoni għaċ-ċediment fiċ-ċirkustanzi kkontemplati minn dik id-dispożizzjoni tista' titfa' dubju fuq jekk is-sentenzi Taljani ta' kundanna jistgħux proprjament jiġu kkategorizzati bħala proċessi maqtugħa "b'mod finali" għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS (jekk wieħed jassumi li t-terminu 'finali' m'għandux jiġi ddefinit biss billi ssir referenza għall-leġislazzjoni domestika). Hija tiġbed l-attenzjoni għall-possibbiltà li azzjonijiet li jikkonċernaw diversi Stati Membri u li huma diretti wkoll kontra l-interessi finanzjarji tal-Komunità jistgħu effettivament jibqgħu mingħajr punizzjoni. Dan ikun il-każ jekk sentenza *in absentia* ta' Stat Membru jkollha l-effett li timpedixxi prosekuzzjonijiet fi Stati Membri oħra, fil-waqt li s-sentenza *in absentia* qatt ma tiġi infurzata u l-Istat fejn ingħatat is-sentenza ma jagħmel l-ebda sforz sabiex jinfurzaha [38].

94. Id-diċitura tad-domanda tikkonċentra fuq l-impatt li sentenzi mogħtija wara proċessi *in absentia* fl-ewwel Stat Membru jista' jkollhom fuq l-interpretazzjoni tal-kundizzjoni ta' l-infurzar li tinsab fl-Artikolu 54 tal-KIFS. Madanakollu, kif ġie osservat korrettament minn diversi partijiet li ppreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom, is-sustanza tad-domanda tal-qorti tar-rinviju tidher, pjuttost, li hija jekk sentenzi *in absentia* għandhomx jiġu kkunsidrati bħala deċiżjonijiet li 'jaqtgħu b'mod finali' proċess għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS.

95. L-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni Qafas espressament jikkunsidra l-implikazzjonijiet

38 — Fil-fehma tal-qorti tar-rinviju, dan huwa preċiżament dak li ġara fir-rigward tas-sentenzi imposti fl-Italja.

ta' sentenzi imposti wara proċess *in absentia* għall-iskopijiet ta' mandat ta' arrest Ewropew. L-Artikolu 5(1) jipprovdi li, jekk il-persuna rikjesta "ma ġietx imsejħa *in persona* jew b'xi mod ieħor infurmata bid-data u l-post tas-seduta li wasslet għad-deċiżjoni mogħtija *in absentia*", l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għandu d-dritt li jagħmel iċ-ċediment ta' dik il-persuna bil-kundizzjoni li "l-awtorità ġudizzjarja li toħroġ il-mandat tagħti assigurazzjoni kkunsidrata xierqa sabiex tiggarantixxi lil persuna suġġetta għall-mandat ta' arrest Ewropew li jkollha opportunità sabiex tapplika għal proċess ieħor [ritrattazzjoni] tal-każ fl-Istat Membru li joħroġ il-mandat u li tkun preżenti għas-sentenza".

96. Din id-dispożizzjoni tirrifletti r-rekwiżiti stipulati mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-ġurisprudenza tagħha dwar l-Artikolu 6 tal-KEDB (dritt għal smigħ ġust). Skond dik il-ġurisprudenza (u għall-kuntrarju tal-pożizzjoni tal-Polonja) proċessi *in absentia* mhumiex minnhom infushom inkompatibbli ma' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Dawn għandhom, però, isiru skond ir-rekwiżiti proċedurali u materjali stretti stipulati mill-KEDB sabiex tiġi evitata negazzjoni ta' ġustizzja. Essenzjalment, skond il-KEDB proċessi *in absentia* huma permissibbli biss fejn huwa inekwivokabbilment stabbilit li l-imputat irrinunzja għad-dritt li jkun preżenti għall-proċess jew intenzjonalment ma deherx fil-qorti [39].

97. Jekk wieħed jieħu t-tieni parti tat-tielet domanda f'sens litterali, it-tweġiba diretta (kif tosserva korrettament Spanja) għandha tkun li l-fatt li s-sentenzi finali jingħataw wara proċess *in absentia* mhuwiex rilevanti għall-kundizzjoni ta' l-infurzar taħt l-Artikolu 54 tal-KIFS. Il-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew għall-iskopijiet ta' infurzar ta' sentenza *in absentia* jimplika, min-natura tiegħu, li l-kundizzjoni ta' l-infurzar fl-Artikolu 54 ma ġietx issodisfata. Il-kwistjoni ta' jekk din il-kundizzjoni ma ġietx issodisfata minħabba li l-imputat kien ikkundannat *in absentia* (u minħabba f'hekk x'aktarx li s-sentenza qatt ma kienet se tiġi infurzata) jew minħabba li l-imputat ma ppreżentax ruħu wara s-sentenza ma tista' tagħmel l-ebda differenza għas-sempliċi fatt li ma kien hemm ebda infurzar tas-sentenza. B'korollarju neċessarju għal dan, il-fatt li l-eżekuzzjoni jew in-nuqqas ta' eżsekuzzjoni tal-mandat jistgħu jiġu affettwati mill-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni Qafas ma jista' jkollu l-ebda rilevanza għall-interpretazzjoni korretta ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS [40].

98. Kif diġà indikajt, wara d-domanda attwalment magħmula hemm id-domanda dwar jekk, fid-dawl ta' l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Qafas, sentenza li tirriżulta minn proċess *in absentia* għandhiex tiġi kkunsi-

39 — Il-prinċipji li japplikaw għal proċessi *in absentia* sar sunt tagħhom reċentement mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'Sejdovic vs L-Italja ta' l-1 ta' Marzu 2006 GCH, Nru 56581/00, punti 81 *et seq.*, ECHR 2006).

40 — Ara l-analiżi fil-punti 85 sa 90 aktar 'il fuq rigward l-ewwel parti tat-tielet domanda, li hija applikabbli hawnhekk ukoll.

drata bħala deċiżjoni li 'tagħlaq b'mod finali' proċess għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS. Parti mit-tweġiba għal dik id-domanda tinstab fis-sentenza Gözütok u Brügge [41]. F'dik il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li deċiżjonijiet li skond il-liġi nazzjonali jimpedixxu definittivament proċeduri ulterjuri jew definittivament iwaqqfu prosekuzzjonijiet kellhom jiġu kkunsidrati bħala deċiżjonijiet li 'jagħlqu b'mod finali' proċess għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS.

99. B'mod ċar, kif id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Gözütok u Brügge u anki l-kliem stess ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS jimplikaw, hija s-sistema legali domestika ta' l-Istat Membru li jagħti s-sentenza li għandha tistabbilixxi jekk, u f'liema ċirkustanzi, sentenza, inkluża waħda li tingħata wara proċess *in absentia*, timpedixxi definittivament proċeduri kriminali ulterjuri għall-istess azzjonijiet skond il-liġi nazzjonali u hija deċiżjoni li taqta' proċess b'mod finali. Din il-konklużjoni hija kompatibbli ma' strumenti internazzjonali oħra, b'mod partikolari l-Artikolu 4 tal-Protokoll 7 tal-KEDB, li jirregola l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* fil-livell domestiku. Skond dawn l-istrumenti legali kollha hija s-sistema legali domestika li għandha tistabbilixxi x'inhi deċiżjoni finali li taqta' definittivament proċeduri kriminali [42].

41 — Sentenza tal-11 ta' Frar 2003 (C-187/01 u C-385/01, Ġabra p. I-1345).

42 — Ara wkoll l-Artikolu 14(7) tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Drittijiet Ċivili u Politiċi, li jipprovdi li "ħadd m'għandu jkun ipproċessat u punit għal darb'oħra għal reat li għalih ġie kkundannat jew liberat *skond il-liġi u l-proċedura penali ta' kull pajjiż.*"

100. Meta tiġi evalwata talba bbażata fuq l-Artikolu 54 tal-KIFS minn imputat ikkundannat *in absentia* fi Stat Membru, l-Istati Membri l-oħrajn kollha huma għalhekk marbuta b'jekk l-Istat Membru li jagħti s-sentenza jittrattax sentenza li tirriżulta minn proċess *in absentia* bħala deċiżjoni li 'taqta' b'mod finali' l-proċess. Jekk dan ikun il-każ, u l-kundizzjonijiet l-oħra fl-Artikolu 54 tal-KIFS ikunu ssodisfati, dik is-sentenza tiskatta l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* fil-kuntest sopranazzjonali ta' Schengen, u dan skond il-prinċipju tal-fiduċja reċiproka li fuqu huwa bbażat l-Artikolu 54 tal-KIFS. [43]

101. Din il-konklużjoni hija suġġetta għal kundizzjoni waħda importanti. Il-proċess *in absentia* li wassal għas-sentenza għandu jkun ikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 6 tal-KEDB. Permezz tal-prinċipji ġenerali tad-dritt ta' l-UE u ta' l-Artikolu 6(1) u (2) UE, dawn ir-rekwiżiti huma applikabbli, b'estensjoni, għall-kuntest ta' l-UE. Sentenza li tirriżulta minn proċess *in absentia* u li ngħatat b'mod li kien jikser il-KEBD, anki jekk titqies bħala valida u finali skond il-liġi nazzjonali, tkun *ipso facto* tikser dawn il-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju li jiġbru fihom id-drittijiet fundamentali tal-bniedem. B'riżultat ta' dan, legalment din ma tistax titqies bħala sentenza li 'taqta' b'mod finali' proċess għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS.

43 — Ara s-sentenza Gözütok u Brügge, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 41 aktar 'il fuq.

102. Tabilħaqq, dan huwa preċiżament għalfejn id-diċitura ta' l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni Qafas tirrifletti l-kundizzjonijiet stipulati mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Artikolu 6 tal-KEDB sabiex jiġi stabbilit meta hija valida sentenza *in absentia*.

103. Għalhekk, jien nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja twieġeb it-tieni parti tat-tielet domanda kif ġej:

Il-kunċett ta' infurzar għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS mhuwiex affettwat mill-fatt li, skond l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni Qafas, l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni mhumiex meħtieġa li awtomatikament jeżegwixxu mandat ta' arrest Ewropew maħruġ sabiex jinforza sentenza imposta mal-kundanna wara proċess *in absentia*. Meta, skond is-sistema legali ta' l-Istat Membru fejn tingħata s-sentenza, deċiżjoni li tittieħed wara proċess *in absentia* definittivament timpedixxi proċeduri kriminali ulterjuri, dik id-deċiżjoni taqta' b'mod finali l-proċess għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS, bil-kundizzjoni li l-proċess ikun ikkonforma mar-rekwiżiti ta' l-Artikolu 6 UE u mall-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju li jiggarantixxu rispett għad-drittijiet fundamentali kif sanċiti fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali.

## Konklużjoni

104. Minħabba dak li ntqal qabel jiena nikkunsidra li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha twieġeb għad-domandi preliminari li saru mill-qorti tar-rinviju kif ġej:

"(1) Il-frażi 'l-istess azzjonijiet' fl-Artikolu 54 tal-KIFS tagħmel referenza għall-identiċità ta' fatti materjali, mifhuma bħala ġabra ta' ċirkustanzi konkreti li

huma inseparabbilment marbuta bejniethom fiż-żmien, fl-ispazju u bis-suġġett tagħhom. Hija l-qorti nazzjonali kompetenti li għandha tiddetermina jekk il-fatti fil-kawża prinċipali humiex marbuta b'dan il-mod. Madanakollu, fejn imputat kellu l-intenzjoni sa mill-bidu nett li jittrasporta oġġetti bil-kuntrabandu mill-punt tad-dħul tagħhom sad-destinazzjoni finali tagħhom fil-Komunità f'operazzjoni waħda, kull qsim suċċessiv ta' fruntieri interni fil-kors ta' dik l-operazzjoni jista', fil-prinċipju, jitqies bħala azzjonijiet inseparabbilment marbuta għal dan l-iskop.

(2) (a) Sentenza ta' kustodja, li l-infurzar tagħha kien ġie sospiż bil-kundizzjoni li, matul perijodu definit ta' żmien, il-ħati jirrispetta ċerti kundizzjonijiet stabbiliti skond il-liġi ta' l-Istat fejn ingħatat is-sentenza, hija piena li ġiet infurzata jew li tkun fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS u, sakemm il-kundizzjonijiet l-oħra taħt dik id-dispożizzjoni jiġu osservati, tagħti lok għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne* bis *in idem* stabbilit f'dak l-artikolu.

(b) Perijodi skontati minn imputat fil-kustodja tal-pulizija u/jew f'detenzjoni preventiva pendenti l-proċess f'xi Stat Membru m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala piena li ġiet infurzata jew li fil-fatt tinsab fil-proċess li tiġi infurzata għall-finijiet ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS, sakemm dawn il-perijodi ma jkunux, minn ta' l-inqas, daqs terminu ta' priġunerija impost bis-sentenza li ttemm il-proċess b'mod finali li fir-rigward tiegħu l-imputat kien fil-kustodja tal-pulizija jew f'detenzjoni preventiva.

(3) (a) Il-kunċett ta' infurzar għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS mhuwiex affettwat mill-fatt li Stat Membru li fih imputat ġie kkundannat b'sentenza finali u li torbot skond il-liġi nazzjonali jista', fi kwalunkwe ħin, joħroġ mandat ta' arrest Ewropew għaċ-ċediment ta' l-akkużat sabiex tiġi infurzata dik is-sentenza skond id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri.

(b) Il-kunċett ta' infurzar għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS mhuwiex affettwat mill-fatt li, skond l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni mhumiex meħtieġa li awtomatikament jeżegwixxu mandat ta' arrest Ewropew maħruġ sabiex jinforza sentenza imposta mal-kundanna wara proċess *in absentia.*

Meta, skond is-sistema legali ta' l-Istat Membru fejn tingħata s-sentenza, deċiżjoni li tittieħed wara proċess *in absentia* definittivament timpedixxi proċeduri kriminali ulterjuri, dik id-deċiżjoni taqta' b'mod finali l-proċess għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS, bil-kundizzjoni li l-proċess ikun ikkonforma mar-rekwiżiti ta' l-Artikolu 6 UE u mall-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju li jiggarantixxu rispett għad-drittijiet fundamentali kif sanċiti fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali."